Kunsill Lokali L-Imsida
Pjazza Menqa, Msida
tel:21334343
www.msidalocalcouncil.com

**MINUTI**
**Laqgħa tal-Kunsill Lokali L-Imsida**
**IT-TMIEN LEĠISLATURA**
**Laqgħa Numru 29**
**It-Tlieta 24 ta'Awissu 2021**

Il-Kunsilli Lokali l-Imsida ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Pjazza Menqa, l-

## PREŻENTI:

Margaret Baldacchino Cefai :
Charles Selvaggi : Kunsillier
Nicholas Joseph Chircop : Kunsillier
Maurice Agius : Kunsillier
Judy Sciberras : Kunsillier
Emanuel Brincat : Kunsillier
Alfred Farrugia : Kunsillier

## ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Jean Claude Borg : Kunsillier
Romina Galea : Viċi Sindku

## ASSENTI

## UFFIĊJAL PREŻENTI:

Alan Vella : Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai ippresediet l-laqgħa.

**29.1 Qari tal-ittri ta’ apoloġija;**

29.1.01 Is-Segretarju Eżekuttiv Alan Vella poġġa fuq il-mejda ittra ta’ apoloġija tas-Sinjura Romina Galea.

29.1.02 Il-Kunsilliera preżenti, aċċettaw l-ittri ta' apoloġija.

29.1.03 Is-Segretarju Eżekuttiv Alan Vella għarraf lill kunsilliera preżenti li Is-Sur Jean Claude Borg se jittardja minħabba li kellu mpenn ieħor fuq xogħol tal-kunsill .

**29.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;**

29.2.01 Il-Minuti ta’Seduti L8-28 ittieħdu bħala moqrija.
Kien hemm korrezzjoni fil-minuti 28.5.03.
Il-minuti ġew approvati unanimament.

**29.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;**

29.3.01 B'referenza għal minuti 27.5.01 dwar permessi temporanji għall-użu ta’ outdoor areas minn stabbilimenti tal-ikel sa’ 30 ta’Settembru 2021,Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai għarrfet lill kunsilliera preżenti li kien hemm applikazzjoni minn stabbiliment fl-Imsida u tagħt xi dettalji tal-post.

29.3.02 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai poġġiet fuq il mejda kopja tal-komunikat lill -Kunsilli Lokali dwar awtorizzazzjoni għal implimentazzjoni ta'sinjali ta'parkeġġi minn Transport Malta fejn talbet lis-Segretarju Eżekuttiv jagħti spjegazzjoni qasira dwar il-kontenut.

29.3.03 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai għarrfet lill kunsilliera preżenti li fuq FB dehru xi kummenti dwar siġar li kienu qed jinqalghu minn l-iskate park u saru wkoll xi kuntatti magħha. Wara li saret verifika IM ħarġet stqarrija li dawn kellhom jinqalaw  sakemm ssir xogħol ta'manutenzjoni għax l-ilma ta' tisqija kien qed jinfed għal ġol  mina taħt l-iskatepark u jikkawża ħsarat.

**29.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;**

29.4.01 B'referenza għall-minuti 28.4.01,Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai għarfet lill kunsilliera preżenti li l-WSC għadhom qed jiffinalizzaw xi dettalji qabel ma' toħroġ sejħa ġdida għal-proġett ta'drenaġġ go Xatt ta'Xbiex.

29.4.02 B'referenza għall-minuti 28.4.04, Is-sur Emanuel Brincat tkellem dwar ix- xogħol go Triq Nazju Falzon li kien għal parti waħda mit-triq u spjega li wara il-kunsill tkellem ma' Infrastructure Malta fejn din issa kienet se ssir kollha.
Is-Sur Charles Selvaggi staqsa liema huma it-Toroq li jmiss ssir.

Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai wieġbet li apparti Triq tal-Qroqq li għanda ssir ma'Triq Nazju Falzon sal-ġurnata ma kienx hemm informazzjoni dwar toroq oħra li se jibdew iżda għad fadal xi toroq oħra li kienu fil-lista fosthom Triq Santa Venera.

29.4.03 B'referenza għal minuti 28.4.05 Is-Segretarju Eżekuttiv għarraf lill kunsilliera preżenti li nstabu l-l-okkażjonijiet fejn se jkunu nstallat il-WIFI4EU. Dawn huma il-Bandli tas-Swatar, Iċ-Ċentru parrokkjali u il-kunsill.

29.4.04 B'referenza għall-minuti 28.4.07 dwar il-proġett tal-flyover,is-Sur Maurice Agius staqsa jekk kienx hemm żviluppi
Is-Sur Emanuel Brincat wieġeb li għadu fil-proċess ta'screening.
Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai għarrfet lill kunsilliera preżenti li tinsab infurmata li hemm oppożizzjoni qawwija għal-pedestrian bridges mis-suprintendenza tal-Heritage. Fl-istess ħin poġġiet fuq il-mejda kopja ta' komunikat mid-dipartiment tal-artijiet li se titwaqqaf il-kera taż-żewġt kmamar li hemm mal-latrina minħabba li dawn huma meħtieġa għal użu pubbliku jew kif deskritt il-proġett għal Msida Creek.
Il-kunsilliera iddiskutew u qablu li ssir konsultazzjoni mal-avukat biex tintbagħat risposta li l-kunsill qed jagħmel użu minn dawn u jitlob soluzzjoni għax jeħtieġ post alternattiv.

29.4.05 B'referenza għall-minuti 28.4.08, Is-Sur Charles Selvaggi staqsa dwar l-aċċess għal Triq San Andrija.
Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li bagħat lill TM dwar il-problema u dwar kif għanda tkun it-tabella except for registered farmers only holding LC permit. Hawn kompla jispjega li hemm bżonn ssir xi road humps , mirja u forsi tabelli biex javżaw lill vetturi kbar jevitaw milli jinżlu minn dik it-triq.

29.4.06 B'referenza għal-minuti 28.4.12,is-sur Emanuel Brincat staqsa jekk ġietx mibgħuta l-ittra lir-residenti dwar tibdil fl-isem tat-triq it-Torri.
Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li saret.

29.4.07 B'referenza għall-minuti 27.4.13, Is-Segretarju Eżekuttiv is-Sur Maurice Agius staqsa meta se jitlesta ix-xogħol ta'tarmak go Triq it-Torri.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li meta staqsa lill perit tal-kuntrattur ġie infurmat li din kien hemm pjanat li se ssir flimkien mal-biċċa li qed ssir mill-WSC go Triq il-Kunċizzjoni.

29.4.08 B'referenza għall-minuti 28.4.18, Is-Sur Alfred Farrugia tkellem dwar il-mutur żarmat u abbandunat go Triq L-Zamenhof li issa ilu żmien twil jirrapporta .
Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li dan kull darba qed jiġi rappurtat lill TM biex jiġbruh u kif spjega fis-seduta preċedenti ġa talab lill-avukat biex tagħti gwida ħalli il-kunsill jkun jista' jagħmel xi haġa skond il-leġislatura. Iżda qabel ma' jkun hemm proċedura stabbilita biex ssir l-affarijiet kif suppost mhux se jieħu l-ebda responsabiltà li jqabbad lill xi ħadd jagħmel xi haġa li twassal għal - konsegwenzi għar-rappreżentanti legali.

29.4.09 B'referenza għall-minuti 28.4.23, Is-Sur Alfred Farrugia staqsa jekk sarux il-bins fejn il-bandli.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li fl-istore hemm żewġt bins li kienu mingħajr liner u saret ordni għal dawn. Kif dawn jaslu se jeħlu.

29.4.10 B'referenza għall-minuti 28.5.01, is-sur Maurice Agius staqsa jekk l-avukat lestiex l-emendi għal Bye Law tal-Iskall u laqgħa mal-kumitat tad-dgħajjes. Hawn spjega li ġie mistoqsi dwar il-Bye Law u jidher li hemm min ma qabilx li jitnaqqas il-qies. Jidher wkoll li hemm anke dgħajjes kbar (Cabin Cruiser fil-mument)

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li dik id-dgħajsa ġiet rappurtata minn meta telgħet u niżlet fit-13 ta'Awissu u qed jistenna mingħand il-pulizija in-notifika għal-meta se tibda il-prosekuzzjoni fuqha ġol -qorti. Biex jieqfu l-abbużi ta' kulħadd jagħmel kif rrid mingħajr permess, se jsiru bollards li jingħalqu b'ċavetta. Dwar id-draft bl-emendi dan għadu mhux lest u għad hemm id-definizzjoni ta'dgħajjes li trid tkun ċċarata sewwa. Wara shut down ta'Awissu se jara fuqha mal-Avukat. Hawn kompla jispjega li tkellem wkoll mal-perit tal-GHRC minħabba il-pjanta tal-Iskall u Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai għarrfet wkoll lill kunsilliera preżenti li l-proġett kien hemm l-iskall bil-pavimenti u li se jitkellmu fuqu ma' l-GHRC għax dan mhux addattat fuq l-iskall. Fl-stess ħin qalet li tinsab infurmata li ix-xogħolijiet fuq il-promenade se jibdew fil-ġimgħat li ġejjin fejn indikat ghal-aħħar ta'Settembru. Għalhekk jaqbel li naraw x'se jiżviluppa barra li hemm bżonn li l-byelaw tkun lesta ħalli meta l-iskall jkun lest imexxu fuqha.

Il-kunsilliera preżenti ddiskutew wkoll kif qed ssir ċertu xogħolijiet fl-iskall, dwar x'tip ta'xogħol ssir mal-lejl u dwar il-biċċa l-antika li mhux se tkun parti mill-proġett tal-promenade.

29.4.11 Is-Sinjura Jude Sciberras staqsiet dwar CCTV cameras.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li hemm proċess sħiħ għal applikazzjoni ma' diversi entitajiet fosthom l-ARMS , TM u il-GDPR fejn ta'spjegazzjoni dwar dawn.

29.4.12 Is-Sur Emanuel Brincat tkellem u llmenta dwar il-problemi tal-knis li mhux qed ssir sew fis-Swatar u bnadi oħra għax jew ma jkunx hemm kenniesa jew jimxu bil-karretta u jkaxkar l-ixkupa.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li ġa bagħat talba għal-laqgħa mal-kuntrattur fejn qed jipprova jara x'qed jiġri għax mhux kuntent bil-kwalità. Jaf wkoll li fil-mument hawn problemi oħra li mhux faċli taqbad tgħid li twaqqaf kuntratt iżda jekk jkun il-każ ma jsirx ħlas malli jkun konfermat sew li dan naqas mill-obbligu tiegħu u ma tax rimedju għalih skond il-kuntratt li hemm bħalissa. Hawn kompla jispjega li f'żmien qasir ħafna il-popolazzjoni kibret għal kważi doppju mal-Imsida kollha fejn il-kuntratt kurrenti ma għadux addattata dan hemm problemi oħra bil-boroż fit-toroq li qed jibqgħu hemm , jinfetħu mal-kollezzjoni u li jaqaw qed jibqa' hemm. Għalhekk hemm bżonn li l-kunsill jistudja u jara sewwa ta' x'hemm bżonn ssir għal kwalità aħjar qabel ma jibda jipprepara biex jagħmel sejħa ġdida fi ftit xhur oħra.

**29.5 Items oħra ta' Xogħol, ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa;**

29.5.01 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai għarrfet lill -kunsilliera preżenti li-l perit tal-kunsill applika għal skema / kompetizzjoni Permanent Sustainable Mobility Measures imnedija minn Transport Malta fejn hemm propost traffic management għal madwar Triq Oscar Zammit biex din tkun tista' tingħalaq temporanjament u ssir zona pedonali għal perjodu fost il-ġimgħa. Hawn b'referenza għas-suġġerimenti mgħoddija fir-rapport Slow Streets għal l-Imsida tat spjegazzjoni f'hiex tikkonsisti.

Il-kunsilliera preżenti ddiskutew u qablu unanimament.

29.5.02 B'referenza għal minuti 17.3.03 dwar ċirkulari SPI / 3 /2020 , Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai fakkret lill Kunsilliera preżenti li l-kunsill kien applika għal din l-skema biex jkun jista' jsir proġett kapitali relatat mal-kunċett ta'Slow Streets u l-aċċess pubbliku. Hawn spjegat li l-skema approvat €15,000 li tammonta għal 80% tal-ispiża fejn id-differenza toħroġ mill-fondi tal-kunsill. Għalhekk qed tipproponi li jkun konsultat il-perit biex dan il-proġett ssir go Triq G.Calleja fis-Swatar peress kif ġa spjegat qabel saret wkoll applikazzjoni għal-iskema oħra biex ssir Triq ġol-Imsida.

Il-kunsilliera preżenti ddiskutew u qablu unanimament.

29.5.03 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai poġġiet fuq il-mejda korrispondenza mill-AKL dwar post ta' allokazzjoni għal-e-scooters fejn spjegat li l-kunsilli lokali kienu qed jintalbu jekk humiex lesti jew jixtiequ li jkollhom post fejn l-e-scooters ikunu jistgħu jiġu pparkjati sew. Dan sabiex ma jibqgħux jitħallew jiġru kif ġie fil-lokalitajiet. L-iskop hu li wara ssir laqgħa ma' l-operaturi biex jibdew jitkellmu mal-kunsill. Għalhekk il-kunsill bagħat indikazzjoni tal-lokażjonijiet, fejn dawn jistgħu isiru fosthom Triq Oscar Zammit fejn hemm l-e-bikes se jkun hemm l-e-charging point , Triq John Borg taħt is-siġar ma' l-ħajt tal-Junior college,il-ġnien f'Misraħ San Guzepp fejn l-istand tar-roti, hdejn l-għassa tal-pulizija u faċċata tal-iskate park fuq in-naħa tal-università.

Il-kunsilliera preżenti ddiskutew u qablu unanimament.

29.5.04 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai poġġiet fuq il-mejda talba biex jerġa jkun attivat il-WIFI pubbliku ħdejn il-knisja. Hawn fakkret lil kunsilliera preżenti b'referenza għall-minuti 16.5.01 li l-Kunsilli kien ħa deċiżjoni biex dawn jekk hu possibbli jiġu mnaqqas la ma jistgħux ikunu kontrollati.

Il-kunsilliera preżenti ddiskutew u ġie kunsidrat dak li kien qed jiġri fuq iz-zuntier u qablu unanimament li dan aħjar jibqa' mitfi.

29.5.05 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai tkellmet fuq iż-żieda ta'abbużi tal-iskart li hija bla kontroll għalhekk hemm bżonn li l-kunsill jieħu passi biex jiżdied sew l-infurzar ta'kuljum mill-LESA f'ħinijiet differenti b'ħlas għal perjodu ta'żmien u jekk dan ikun effettiv il-kunsill jkompli jikkunsidra fuq ir-riżultati miksuba.

Is-Segretarju Eżekuttiv spjega li rati għal uffiċjali baqgħu l-stess iżda ma hemmx rati fuq it-trasport u għal siegħa se jkunu qed jagħtu tnejn. Kif hija il-problema huwa stmat li hemm bżonn ta'erba' uffiċjali biex jikkontrollaw żewġt zoni differenti kull darba .

Il-kunsilliera preżenti ddiskutew is-sitwazzjoni u qablu li hemm bżonn ta'infurzar matul il-ġurnata kollha għalhekk unanimament approvaw erba' uffiċjali għal perjodu ta'tlett ġimghat.

29.5.06 Is-Sur Emanuel Brincat tkellem dwar xi postijiet fejn hemm bżonn ssir xi żbir ta'siġar.
Is-Segretarju Eżekuttiv ħa nota u wieġeb li hemm x wħud mis-siti li mhux parti mill-kuntratt tal-ġardinar u li se jibgħat lill awtoritajiet li huma responsabbli minnhom. Hawn kompla jispjega dwar liema huma is-siti li jieħu ħsieb il-kunsill u dawk taħt awtoritajiet oħra.
Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai qalet li hemm bżonn nitolbu lill agrikoltura biex jagħmlu xi pjanti ġol-ġnien f'Misraħ San Guzepp.

29.5.07 Is-sur Nicholas Chircop tkellem dwar il-European week of Sports u ta'tagħrif u dettalji dwar attività li tinkludi bosta sport differenti li jistgħu ssiru go Misraħ San Guzepp.

29.5.08 Is-Sur Alfred Farrugia tkellem dwar parkeġġi riservati għal kunsill bħal ma hemm go xi lokalitajiet oħra.
Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai qalet li ma tistax taqbel minħabba li diġà hawn problema ta'parkeġġ għar-residenti.
Is-Sur Emanuel Brincat qal li il-kunsill ġa qed jara biex jirranga dak li hemm quddiem il-garaxx billi ssir xi xogħol fuq il-bankina.

29.5.09 Is-Sur Charles Selvaggi tkellem dwar bankina go Triq Antonio Sciortino li għanda bżonn kisja.
Is-Segretarju Eżekuttiv ħa nota.

29.5.10 Is-Sur Charles Selvaggi tkellem dwar il-proġett tal-parkeġġ tal-Università għal xi arranġamenti.
Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai wieġbet li ma hemmx dettalji fhiex wasal u lanqas arranġamenti.

29.5.11 Is-Sur Charles Selvaggi tkellem u staqsa dwar il-liġi għal - parkeġġ quddiem il-garaxx.
Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li skond il-liġi ma tistax tipparkja quddiem garaxx sakemm sid il-vettura ma joqgħodx fiha.

29.5.12 Is-Sur Charles Selvaggi staqsa biex ssir mera go Triq Santa Venera k/m K.Schembri.
Is-Segretarju Eżekuttiv ħa nota.

29.5.13 Is-Sinjura Judy Sciberras tkellmet biex jiżdied parkeġġ fil-kantuniera go Triq Zakkew
Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li dan ma jistax ssir għax rrid ikun 5 metri biex l-ebda karozza ma' tostakola il-viżjoni meta tkun se toħroġ mit-triq <Victor Denaro>

Mizjuda:<Victor Denaro>

29.5.14 Is-Sur Maurice Agius tkellem dwar il-pletform ta'tower crane go Triq il-Prinċipessa Margaret u staqsa meta l-bankina biex tkun rranġata.
Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li eżatt ma ġenb din il-binja hemm permessi għal binja oħra li x'aktarx se jkollhom bżonn tower carne.Fil-mument qed jara x'se jsir minħabba li jista' jkun li din il-bankina jekk tiġi rranġata tispiċċa li mbagħad jkun hemm bżonn ssir pletform oħra.

29.5.15 B’referenza għal- minuti 9.5.12 ,Is-Sur Maurice Agius tkellem fuq il-bankina ta'Principessa Margaret u staqsa dwar meta is-sidien ta'showroom se jieħdu ħsieb jirranġaw ir-rampa li għamlu għax ix-xaqliba li hemm ma hiex tajba biex jgħaddu n-nies minn fuqha.

Is-Segretarju Eżekuttiv ħa nota u wieġeb li dan marbut ma PA/00876/17 u l-kumpanija responsabbli għada ma għamlitx it-tibdil li kien issuġġerixxa l-perit tal-kunsill għal No objection. Se jerġa jitkellem mal-perit li hemm issa biex jieħu ħsieb jara li ssir pressjoni.

29.5.16 Is-Sur Maurice Agius tkellem dwar kif qed joħorġu l -permessi għal-disable parking għax jidher li mhux ma kulħadd qed jimxu l-stess. Hawn spjega li go Rue D'Argen għamlu tnejn ma' xulxin filwaqt li ħadd ieħor ġie mgħarraf li ma jistax ikollu tiegħu viċin id-dar għax ġa hemm waħda u jrid ikun hemm ħamsin metru distanza minn xulxin.

Is-Segretarju Eżekuttiv ħa nota u wieġeb biex jingħata ftit ċans u se jagħmel verifika fuq dawn.

29.5.17 Is-Sur Maurice Agius tkellem dwar il-monument taż-żagħżagħ fejn reġa’ hemm xi ħsarat fih.

Is-Segretarju Eżekuttiv ħa nota

29.5.18 Is-Sur Maurice Agius tkellem dwar bżonn ta'manutenzjoni f'rampa wara il-kamra tal ġostra.

Is-Segretarju Eżekuttiv ħa nota.

29.5.19 Is-Sur Maurice Agius tkellem dwar bozza ma'arblu f'Triq il-Kunzar biex jerġa ssir shifting mal-ħajt.

Is-Segretarju Eżekuttiv ħa nota biex jivverifika jekk din saret b'applikazzjoni mill kunsill.

29.5.20 Is-Sur Maurice Agius tkellem dwar il-ħsarat li qed ssiru fuq il-bankina ta'Triq it-Tabib R.Naudi k/m Triq J.Catanja minħabba vetturi tal-kostruzzjoni li qed jaħdmu go sit viċin.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li ġa qed jitlob biex jiltaqa’ ma min qed jieħu ħsieb dan is-sit.

29.5.21 Is-Sur Maurice Agius tkellem dwar stabbiliment li għamel il-planters ma dawra tal-pletform li huma ostakolu fit-triq u bollards tal-ħadid ma oħra li mhux permess li ssiru.

Is-Segretarju Eżekuttiv ħa nota.

29.5.22 Is-Sinjura Judy Sciberras staqsiet jekk hux possibbli ssir kaxxa għal ħwejjeġ wżati fejn il-bring in site ta' Triq Victor Denaro

Is-Segretarju Eżekuttiv ħa nota.

29.5.23 Is-sur Nicholas Chircop tkellem għan-nom ta'sur Jean Claude Borg biex ifakkar li hemm bżonn ssir is-sejħa għat-tiżjin tal-Milied u biex jipproponi it-tema għal-kalendarju 2022 li titratta dwar karozzi klassiċi jew tal-linja antiki. Ma dawn ġibed l-attenzjoni dwar l-istat ta'ċint tal-ġibjun f'Triq il-wied biex il-kunsill jitolbu lill awtorità konċernata ħalli tieħu ħsieb tara x'hemm bżonn ssir.

Is-Segretarju Eżekuttiv ħa nota.

**29.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapporti.**

Ma'kienx hemm rapporti.

**29.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;**

29.7.01 Is-Segretarju Eżekuttiv Alan Vella poġġa fuq il-mejda l-iskeda K8-28 ta' ħlasijiet bejn it-28 ta'Lulju 2021 sa l-24 ta'Awissu 2021 għall-approvazzjoni tal-Membri.
L-iskeda ġiet proposta mis-Sur Emanuel Brincat u s-sekondat mis-Sur Maurice Agius.
Il-Kunsilliera preżenti iddiskutew u approvaw unanimament

**29.8 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

29.8.01 Il-laqgħa ntemmet fit-8:30 ta' filgħaxija, u data għas-seduta li jmiss se tkun l-Erbgħa 22 ta'Settembru 2021 fil 5:00 p.m.

Minuti konfermati, illum 22 ta'Settembru 2021.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Margaret Baldacchino Cefai<br>Sindku | Alan Vella<br>Segretarju Eżekuttiv |